31972R2532

IR-REGOLAMENT (Euratom, KEFA, KEE) Nru 2532/72 TAL-KUNSILL
tal-4 ta' Diċembru 1972
li jemenda r-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 549/69 li jistabbilixxi l-kategoriji ta' l-uffiċjali u l-aġenti l-oħra tal-Komunitajiet Ewropei li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 12, it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 13 u l-Artikolu 14 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi Kunsill Wieħed u Kummissjoni Waħda, u partikolarment l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 28 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Protokol dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej, u partikolarment l-Artikoli 16 u 22 tiegħu;

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni;

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew;

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja;

Billi hemm il-ħtieġa li jiġi emmendat ir-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 549/69 [1] 1 tal-Kunsill tal-25 ta'Marzu 1969 li jistabbilixxi l-kategoriji ta' l-uffiċjali u l-aġenti l-oħra tal-Komunitajiet Ewropej li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 12, it-tieni paragrafu, ta' l-Artikolu 13 u l-Artikolu 14 tal-Protokol dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet, sabiex jittieħed kont tar-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 2630/72 [2] li jintroduċi miżuri speċjali applikabbli għar-reklutaġġ ta' uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej bħala konsegwenza ta' l-adeżjoni ta' Stati Membri ġodda u għat-terminazzjoni tas-servizz ta' uffiċjali ta' dawn il-Komunitajiet

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Is-subparagrafi li jsegwu (d) u (e) għandhom jiżdiedu ma' l-Artikolu 2 tar-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 549/69:

"(d) dawk li li huma intitolati għall- ħlas speċjali intitolati għall-*allowance* prevista f'kaz ta' terminazzjoni tas-servizz taħt l-Artikolu 3 tar-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 2530/72;

(e) dawk intitolati għall-*allowance* prevista dawk li huma intitolati ghall- ħlas speċjali f'kaz ta' terminazzjoni tas-servizz taħt l-Artikolu 4 tar-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 2530/72."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jibda' iseħħ fis-7 ta'Diċembru1972.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, l-4 ta' Diċembru 1972.

Għall-Kunsill

Il-President

N. SCHMELZER

[1] ĠU L 74, tas-27.3.1969, p. 1.
[2] ĠU L 272, tal-5.12.1972, p. 1.